A.L. 354 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolament ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji applikabbli fil-Kummerċ Intra-Kommunitarju ma' Stati Membri ta' Prodotti ta' l-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titlu, skop u bidu

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-regolamenti Regolament ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji applikabbli fil-Kummerċ Intra-Kommunitarju ma' Stati Membri ta' Prodotti ta' l-Annimali.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 89/662/EEC dwar verifiki veterinarji fi-kummerċ intra-kommunitarju bil-għan li jikkumplimenta is-suq intern tal-Komunita Ewropea.

(3) Verifiki veterinarji li għandhom jitwettqu fuq prodotti ta' oriġini ta' l-annimali li huma koperti permezz tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mniżżla fl-ewwel skeda jew permezz tar-regolament 13 u li huma maħsuba għall-kummerċ ma jibqgħux jitwettqu, mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, fil-fruntieri, imma jitwettqu skond dawn ir-regolamenti.

Tifsir

2. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti -

(1) "awtorità kompetenti" f'Malta hi s-Servizz Veterinarju;

(2) "kummerċ" tfisser skambju bejn it-territorju ta' Malta u l-Istati Membri ta' prodotti fi ħdan it-tifsira ta' l-artikolu 9(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

(3) "sieħeb fil-kummerċ" fit-tifsira ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandha tfisser -

(a) Stat Membru tal-Komunità Ewropea;
(b) Pajjiżi terzi għall-Komunità Ewropea;

fejn ikunu relevanti.

(4) "stabbiliment" tfisser kull post li jipproduċi, jaħżen jew jipproċessa l-prodotti riferiti fir-regolament 1;

(5) "verifika veterinarja" tfisser kull verifika fiżika u, jew formalità amministrattiva li tapplika għall-prodotti riferiti fir-regolament 1(3) u li hija maħsuba għall-protezzjoni, diretta jew mod ieħor, tas-saħħa pubblika jew tas-saħħa ta' l-annimali;

(6) "veterinarju uffiċjali" tfisser il-veterinarju maħtur mis-Servizz Veterinarju fit-territorju ta' Malta;

KAPITOLU 1
VERIFIKI FL-ORIĠINI

Prodotti maħsuba għall-kummerċ

3. (1) Fit-territorju ta' Malta, prodotti biss li huma maħsuba għall-kummerċ huma riferiti fir-regolament 1(3) li jkunu nkisbu, ġew verifikati, markati u b'tikketta skond ir-regoli tad-destinazzjoni in kwistjoni u li huma akkumpanjati sal-kunsinnatarju finali hemm imsemmi permezz ta' ċertifikat tas-saħħa, ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal jew permezz ta' xi dokument ieħor provdut bil-leġislazzjoni veterinarja elenkata fl-Iskeda A.

L-istabbilimenti ta' oriġini għandhom jiżguraw, permezz ta' superviżjoni kostanti minnhom stess, li dawn il-prodotti jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-ewwel sotto-paragrafu.

Mingħajr preġudizzju għad-doveri ta' monitoraġġ assenjati lill-veterinarju uffiċjali bil-leġislazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha twettaq verifiki regolari fl-istabbilimenti sabiex tissodisfa lilha nnifisha li l-prodotti maħsuba għall-kummerċ huma konformi mal-ħtiġijiet kollha jew, fil-każijiet riferiti fit-tielet paragrafu ta' dan ir-regolament u r-regolament 13, mal-ħtiġiet ta' l-Istati Membri destinatarji.

Meta jkun hemm bażi ta' suspett li l-ħtiġijiet mhumiex ikunu segwiti, l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-verifiki kollha meħtieġa u, jekk is-suspett ikun konfermat, tieħu l-miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-approvazzjoni.

(2) Meta l-operazzjoni ta' trasport tinvolvi diversi postijiet ta' destinazzjoni, il-prodotti jridu jinġabru flimkien fi gruppi daqs kemm ikun hemm postijiet ta' destinazzjoni. Kull grupp irid ikun akkumpanjat miċ-ċertifikat jew mid-dokument imsemmi aktar 'il fuq.

Meta l-prodotti riferiti fir-regolament 1 huma maħsuba għall-esprotazzjoni lejn pajjiż terz, l-operazzjoni ta' trasport trid tibqa' taħt is-superviżjoni tad-dwana sakemm joħorġu minn Malta jew mit-territorju tal-Komunità.

(3) Meta t-territorju ta' Malta jagħmel importazzjonijiet mhux obligatorji minn ċerti pajjiżi terzi, is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri dwar l-eżistenza ta' dawn l-importazzjonijiet.

Meta l-prodotti jinġiebu fil-Komunità Ewropea mit-territorju ta' Malta, is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq verifika tad-dokument, dwar l-oriġini u d-destinazzjoni ta' l-oġġetti skond ir-regolament 6(1).

Meta d-destinazzjoni ta' dawn il-prodotti tkun it-territorju ta' Malta, is-Servizz Veterinarju għandu jipprojbixxi l-prodotti konċernati milli jintbagħtu mit-territorju, sakemm ma jkunux destinati lejn Stat Membru li juża l-istess għażla.

Miżuri neċessarji li għandhom jittieħdu mis-Servizzi Veterinarji

4. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-operaturi huma konformi mal-ħtiġijiet veterinarji fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ħażna, tal-bejgħ u tal-ġarr tal-prodotti riferiti fir-regolament 1(3). B'mod partikulari, huma għandhom jiżguraw li -

(a) il-prodotti miksuba skond il-leġislazzjoni riferita fi Skeda A huma verifikati bl-istess mod, min-naħa veterinarja, kemm jekk humiex maħsuba għall-kummerċ ma' Stati Membri jew għas-suq nazzjonali.

(b) il-prodotti koperti bi Skeda B ma jintbatgħux lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, jekk ma jistgħux jinbiegħu fuq it-territorju tagħhom, minħabba raġunijiet

ġustifikati minn miżuri ta' salvagwardja dwar saħħa pubblika taħt l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond kif imniżżel fl-artikolu 36 tat-Trattat.

(2) Għandhom jittieħdu miżuri amministrattivi, legali jew penali xierqa, skond il-proċeduri mniżżla f'Parti IX ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, biex jippenaliżżaw kull ksur ta' leġislazzjoni veterinarja minn persuni naturali jew legali fejn jinstab li r-regoli jkunu nkissru, b'mod partikulari fejn jinstab li ċ-ċertifikati jew dokumenti mfassla ma jikkorrispondux ma' l-istat attwali tal-prodotti jew li jkunu twaħħlu timbri tas-saħħa ma' prodotti li mhumiex konformi ma' dawk ir-regoli.

KAPITOLU II
VERIFIKI MAL-WASLA FID-DESTINAZZJONI

Miżuri li għandhu jkunu mplimentati mit-territrorju ta' Malta

5. (1) Għandhom ikunu implimentati l-miżuri li ġejjin fit-teritorju ta' Malta-

(a) Is-Servizz Veterinarju jista', fil-postijiet ta' destinazzjoni ta' oġġetti, jivverifika permezz ta' verifiki veterinarji fuq il-post, li ma jkunux diskriminatorji, li ġew segwiti l-ħtiġijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, fl-istess ħin huwa jista' jieħu kampjuni.

Barra minn dan, meta fit-teritorju ta' Malta, waqt tranżitu jew fid-destinazzjoni, is-Servizz Veterinarju jkollu informazzjoni li twasslu biex jissuspetta li kien hemm xi ksur ta' regolament, jistgħu wkoll jitwettqu verifiki matul il-ġarr ta' l-oġġetti fit-territorju ta' Malta, inkluż verifiki dwar il-konformità tal-mezzi ta' trasport;

(b) Meta l-prodotti riferiti fir-regolament 1(3) li joriġinaw minn Stat Membru jkunu maħsuba:

(i) għal stabbiliment imqiegħed taħt ir-responsabilità tal-veterinarju uffiċjali, dan ta' l-aħħar irid jiżgura li prodotti biss, li jsegwu l-ħtiġijiet tar-regolament 3(1) ta' dawn ir-regolamenti dwar it-timbrar u d-dokumenti li jakkumpanjaw jew, fil-każ tal-prodotti riferiti fi Skeda B, ikunu akkumpanjati mid-dokument stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji*,* jiddaħħlu f'dak l-istabbiliment,

(ii) għal intermedjarju approvat li jaqsam il-merċa jew għal impriża kummerċjali li jkollha ħafna taqsimiet, jew għal xi stabbiliment li ma jkunx soġġett għal superviżjoni permanenti, dan ta' l-aħħar irid jivverifika, qabel tinqasam il-merċa jew tkun mibjugħa, li l-imsemmija marki, ċertifikati jew dokumenti riferiti fl-ewwel indent ikunu preżenti u jinnotifika lis-Servizz Veterinarju dwar kull irregolarità jew anomalija,

(iii) għal kunsinnatarji oħra, b'mod partikulari fejn il-grupp jinħatt parzjalment matul il-ġarr, il-grupp irid ikun akkumpanjat, skond ir-regolament 3(1), mill-oriġinal taċ-ċertifikat riferit fl-ewwel inċiż.

Il-garanziji li jridu jingħataw mill-kunsinnatarji riferiti fit-tieni u fit-tielet indent għandhom ikunu speċifikati bi ftehim mas-servizz veterinarju biex ikunu ffirmati fil-ħin tar-reġistrazzjoni minn qabel provduta fil-paragrafu 3. Is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq verifiki kif jinzertaw biex jivverifika li huma konformi ma' dawk il-garanziji.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 4, fejn l-*istandards* stabbiliti fir-regoli veterinarji ma jkunux tfasslu u fil-każ provdut fir-regolament 13, is-Servizz Veterinarju jista' jitlob, b'attenzjoni xierqa għad-disposizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, li l-

istabbiliment ta' oriġini jrid japplika l-i*standards* fis-seħħ bir-regoli nazzjonali ta' Malta. Is-Servizz Veterinarju għandu jiżgura li l-prodott in kwistjoni jsegwi dawk il-ħtiġiet.

(3) Operaturi li jkollhom prodotti li twasslu lilhom minn Stat Membru jew li jaqsmu kompletament il-merċa ta' dawn il-prodotti -

(a) għandhom ikunu soġġetti, jekk hekk mitlub mis-Servizz Veterinarju, għal reġistrazzjoni minn qabel;

(b) għandhom iżommu reġistru li fih ikunu reġistrati dawn il-konsenji;

(ċ) iridu, jekk ikun mitlub mis-Servizz Veterinarju, jirrapurtaw il-wasla ta' prodotti minn Stati Membri, sa fejn ikun meħtieġ li jitwettqu l-verifiki riferiti fis-sub-regolament (1);

(d) iżommu għal perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur, li għandu jkun speċifikat mis-Servizz Veterinarju, iċ-ċertifikati jew dokumenti li jikkorrispondu ma' dawk riferiti fir-regolament 3 għall-preżentazzjoni lis-Servizz Veterinarju, jekk dan ta' l-aħħar hekk jitlob.

(4) Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Miżuri li għandhom jittieħdu waqt verifiki fuq prodotti minn pajjiżi terzi mdaħħla fit-territorju ta' Malta

6. (1) Matul il-verifika mwettqa fil-postijiet fejn il-prodotti ġejjin minn pajjiż terz jistgħu jinġiebu fit-territorju ta' Malta, bħalma huma portijiet, ajruporti u siti ta' spezzjonijiet ma' pajjiżi terzi, iridu jittieħdu dawn il-miżuri li ġejjin-

(a) isir verifika dokumentarja dwar l-oriġini tal-prodott;

(b) prodotti li joriġinaw minn Stat Membru jkunu soġġetti għar-regoli dwar verifiki provduti fir-regolament 5;

(ċ) prodotti ġejjin minn pajjiżi terzi huma soġġetti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC;

(2) Madanakollu, permezz ta' deroga mis-sotto-regolament (1), il-prodotti kollha trasportati permezz ta' meżżi ta' trasport regolari u diretti li jagħqdu t-territorju ta' Malta u ta' Stat Membru, għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ta' spezzjoni stabbiliti fir-regolament 5.

Regoli għal verifiki mwettqa fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew matul il-ġarr

7. (1) Jekk, matul verifika mwettqa fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew matul il-ġarr, is-Servizz Veterinarju jistabbilixxi -

(a) Il-preżenza ta' agenti responsabbli għal marda msemmija fit-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji*, zoonosis* jew marda, jew xi kawża li għandha mnejn tkun ta' periklu serju għall-annimali jew għall-bnedmin, jew li l-prodotti ġejjin minn żona nfettata b'marda epiżootika, huma għandhom, ħlief fir-rigward ta' aspetti ta' saħħa ta' l-annimali, fil-każ ta' prodotti soġġetti għal wieħed mit-

trattamenti riferiti fl-artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 80/215/EEC (kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill tal-unjoni Ewropea 88/660/EEC), jordnaw li l-grupp ikun meqrud jew użat b'xi mod ieħor stabbilit fir-regoli ta' Malta.

Spejjeż relatati mal-qerda tal-grupp għandhom jitħallsu mill-kunsinnatur jew mir-rappreżentant tiegħu.

Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni Ewropeja permezz ta' *telex* dwar is-sejbiet li jkun wasal għalihom, id-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijijiet.

Jistgħu jiġu applikati l-miżuri protettivi provduti fl-artikolu 15(5) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(b) Li l-oġġetti ma jsegwux il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni korrispondenti dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika ta' Stati Membri, jew, fin-nuqqas ta' deċiżjonijiet dwar *standards*, ma' *standards* nazzjonali ta' Malta, jistgħu, kemm-il darba l-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa u tas-saħħa ta' l-annimali hekk jippermettu, jagħtu lill-kunsinnatur jew lir-rappreżentant tiegħu l-għażla li -

(i) jinqerdu l-oġġetti; jew

(ii) il-prodotti jintużaw għal għanijiet oħra, inkluż li jkunu ritornati bl-awtoriżżazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' l-istabbiliment ta' oriġini.

(iii) madanakollu, jekk iċ-ċertifikat jew id-dokumenti jinstab li jkun fihom irregolaritajiet, il-kunsinnatur irid jingħata perjodu ta' grazzja qabel isir rikors għal din l-aħħar possibilità.

(2) Skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, tista' titfassal lista ta' l-aġenti u l-mard riferit fis-sub-regolament (1), u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

Proċedura tas-Servizzi Veterinarji dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri minn fejn jintbagħtu l-prodotti

8. (1) Fil-każijiet provduti fir-regolament 7, is-Servizz Veterinarju għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn intbagħtu mingħajr dewmien sabiex ikunu jafu bil-miżuri meħtieġa li ttieħdu, ix-xorta tal-verifiki li twettqu, id-deċiżjonijiet li ttieħdu u ir-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet.

Jekk is-Servizz Veterinarju jibża li dawn il-miżuri mhumiex adegwati, huwa għandu flimkien ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jfittex modi u mezzi kif jirrimedja s-sitwazzjoni, jekk xieraq, dan jista' jinvolvi spezzjoni fuq il-post.

Meta l-verifiki provduti fir-regolament 7 juru irregolaritajiet ripetuti, is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropeja u lid-dipartimenti veterinarji ta' l-Istati Membri l-oħra.

Il-Kummissjoni Ewropea, fuq talba tas-Servizz Veterinarju ta' Malta jew fuq inizjattiva tagħha stess, waqt li tieħu kont ix-xorta tal-ksur tar-regolamenti, tista'-

(a) tibgħat missjoni ta' spezzjoni fl-istabbiliment konċernat; jew

(b) tqabbad veterinarju uffiċjali, li ismu għandu jidher fuq lista li għandha tkun preparata mill-Kummissjoni Ewropea fuq suġġeriment ta' l-Istati Membri, u li jkun aċċettabbli għall-partijiet varji konċernati, biex jivverifika l-fatti fl-istabbiliment konċernat,

(ċ) titlob lill-awtorità kompetenti biex tintensifika t-teħid tagħha ta' kampjuni tal-prodotti ta' l-istabbiliment konċernat.

Hija għandha tinforma lill-Istati Membri dwar is-sejbiet tagħha.

Meta dawn il-miżuri jittieħdu dwar irregolaritajiet ripetuti min-naħa ta' stabbiliment, il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħaddi l-ispejjeż involuti dwar l-applikazzjoni ta' l-inċiżi tas-sub-paragrafu imsemmi lill-istabbiliment involut.

Jiddependi mis-sejbiet differenti, is-Servizz Veterinarju jista', min-naħa tiegħu, jintensifika l-verifiki fuq prodotti ġejjin mill-istess stabbiliment u jekk jidher li hemm problemi ta' natura serja li jagħmlu ħażin għas-saħħa ta' l-annimali jew għal dik tal-bniedem għandha tissospendi l-approvazzjoni.

Fuq talba ta' wieħed miż-żewġ Stati Membri konċernati - Meta l-irregolaritajiet ikunu konfermati permezz ta' l-opinjoni ta' l-espert, il-Kummissjoni Ewropeja trid, skond ir-regoli tal-Komunità Ewropea, tieħu l-miżuri xierqa, li jistgħu saħansitra jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jiprojbixxu temporanjament il-wasla fit-teritorju tagħhom ta' prodotti minn dak l-istabbiliment. Dawn il-miżuri jridu jkunu konfermati jew riveduti mill-aktar fis possibbli skond il-proċedura xierqa tal-Kummissjoni Ewropea.

(2) Drittijiet ta' appell eżistenti taħt il-liġijiet fis-seħħ fit-teritorju ta' Malta minn deċiżjonijiet meħuda mis-Servizz Veterinarju ma għandhomx ikunu milqutin minn dawn ir-regolamenti ħlief fil-każ kopert mis-sub-regolament (4).

Deċiżjonijiet meħuda mis-Servizz Veterinarju u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu notifikati lill-kunsinnatur jew lir-rappreżentant tiegħu u lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn jintbagħtu.

Jekk il-kunsinnatur jew ir-rappreżentant tiegħu hekk jitlob, l-imsemmija deċiżjonijiet u raġunijiet għandhom jiġu mgħoddija lilu bil-miktub bid-dettalji tad-dritt ta' appell li huma disponibbli għalih bil-liġi fis-seħħ fit-territorju ta' Malta u bil-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli.

Madanakollu, fil-każ ta' tilwima, is-Servizz Veterinarju jista', jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini hekk taqbel, fi żmien perjodu massimu ta' xahar, jissottometti t-tilwima għall-assessjar ta' xi espert li ismu jidher fuq lista ta' esperti tal-Komunità Ewropea.

Dawn l-esperti għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom f'mhux aktar minn 72 siegħa. Il-partijiet għandhom joqogħdu għall-opinjoni ta' l-espert, waqt li jagħtu każ tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità.

(3) L-ispejjeż li jsiru biex il-kunisnna tiġi ritornata, il-ħażna ta' l-oġġetti, l-użu tagħhom għal affarijiet oħra jew il-qerda tagħhom għandhom jitħallsu mill-kunsinnatarju.

(4) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Verifiki mwettqa fi Stat Membru, fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew waqt it-trasport

9. (1) Jekk, matul verifika mwettqa fi Stat Membru, fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew matul il-ġarr, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi -

(a) Il-preżenza ta' aġenti responsabbli għal marda riferita fi-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji*, zoonosis* jew marda, jew xi kawża li għandha mnejn tkun ta' periklu serju għal annimali jew għal bnedmin, jew li l-prodotti li ġejjin mit-teritorju ta' Malta huma kontaminati minn marda epiżootika,

(b) Li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a), il-prodotti ma jsegwux il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni korrispondenti ta' Stat Membru jew, meta l-Istat Membru jikseb garanziji addizzjonali li kienu ġew jew li jkunu ser jiġu adottati, minn regoli nazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali, is-Servizz Veterinarju għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru x-xorta tal-verifiki mwettqa, id-deċiżjonjiet meħuda u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet.

Jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni tibża' li dawn il-miżuri huma inadegwati, is-Servizz Veterinarju u l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom flimkien ifittxu modi u mezzi kif jirrimedjaw is-sitwazzjoni; jekk xieraq, dan jista' jinvolvi spezzjoni fuq il-post.

Fuq talba ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni -

(i) jistgħu jintbagħtu spetturi, b'kollaborazzjoni mas-Servizz Veterinarju;

(ii) jew veterinarju uffiċjali, li jkun aċċettabbli għall-partijiet varji konċernati, jista' jingħata struzzjonijiet biex jivverifika l-fatti fuq il-post;

(iii) is-Servizz Veterinarju jista' jkun mitlub jintensifika l-verifiki fuq il-fond, iċ-ċentru, l-organizzazzjoni, is-suq approvat jew l-*assembly centre* fit-territorju ta' Malta.

Skond is-sejbiet ta' l-Istat Membru, is-Servizz Veterinarju jrid jintensifika l-verifiki fuq prodotti ġejjin mill-istabbiliment in kwistjoni tat-territorju ta' Malta, u, jekk ikun hemm raġunijiet serji ta' saħħa pubblika jew ta' l-annimali, jissospendi l-approvazzjoni tiegħu.

(2) Fil-każ ta' tilwima, is-Servizz Veterinarju jista', jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini hekk taqbel, fi żmien perjodu massimu ta' xahar, jissottometti t-tilwima għall-assessjar ta' xi espert li ismu jidher fuq lista ta' esperti tal-Komunità Ewropea. Dawn l-esperti għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom f'mhux aktar minn 72 siegħa jew wara li jirċievu r-riżulatati ta' kull analiżi. Is-Servizz Veterinarju għandu joqgħod għall-opinjoni ta' l-espert, waqt li jagħti każ ta' leġislazzjoni veterinarja korrispondenti.

(3) L-ispejjeż biex tkun ritornata l-kunsinna, iż-żamma jew l-iżolament ta' l-annimali jew, jekk xieraq, tal-qatla jew biex jinqerdu għandhom jitħallsu mill-kunsinnatur, ir-rappreżentant tiegħu jew il-persuna responsabbli mill-annimali jew mill-prodotti.

(4) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15(4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

KAPITOLU III
DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

Notifika mis-Servizz Veterinarju lil Stati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar kull tixrid ta' mard fit-territorju ta' Malta

10. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika immedjatament lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropeja dwar kull tixrid ta' mard fit-territorju ta' Malta, barra minn dak il-mard riferit fit-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ta' kull *zoonoses*, mard jew kawża oħra li għandha mnejn tkun ta' periklu serju għall-annimali jew għas-saħħa pubblika.

Is-Servizz Veterinarju għandu jimplimenta immedjatament il-miżuri ta' kontroll jew ta' prekawzjoni provduti fl-artikolu 6 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, b'mod partikolari jkunu deċiżi l-*buffer zones* provduti f'dawk ir-regoli, jew jadotta kull miżura oħra li jqis xierqa.

Meta, matul il-verifika riferita fir-regolament 5, tkun stabbilita l-eżistenza ta' waħda mill-mardiet jew kawżi riferiti fl-ewwel sotto-paragrafu, is-Servizz Veterinarju jista', jekk ikun meħtieġ, jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni provduti fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Is-Servizz Veterinarju jista', fuq raġunijiet serji ta' saħħa pubblika jew ta' l-annimali, jieħu miżuri protettivi temporanji dwar l-istabbilimenti konċernati jew, fil-każ ta' marda epiżotika, dwar iż-żona ta' protezzjoni provduta fl-artikolu 5(1)(d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Il-miżuri meħuda għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni Ewropeja u Stati Membri mingħajr dewmien.

(2) Fil-każ provdut fl-ewwel sub-paragrafu tar-regolament (1), rappreżentanti ta' l-Istati Membri jistgħu jmorru minnufih fil-post konċernat biex jeżaminaw, b'kollaborazzjoni mas-Servizz Veterinarju, x'miżuri ttieħdu.

(3) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15(4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, u b'mod partikulari l-lista ta' *zoonoses* jew kawżi li x'aktarx ikunu ta' periklu serju għas-saħħa umana.

Għal xiex għandu jkun appuntat is-Servizz Veterinarju

11. Is-Servizz Veterinarju għandu jkun appuntat biex jikkollabora ma' dipartimenti ta' spezzjoni ta' Stati Membri oħra.

Setgħa mogħtija lill-uffiċjali tas-Servizzi Veterinarji

12. Fit-teritorju ta' Malta, l-uffiċjali tas-Servizz Veterinarju, jekk xieraq f'kollaborazzjoni ma' l-uffiċjali ta' dipartimenti oħra li għandhom dik is-setgħa, jistgħu b'mod partikulari -

(a) Iwettqu spezzjonijiet fuq il-bini, l-uffiċini, il-laboratorji, l-istallazzjonijiet, il-mezzi ta' trasport, l-impjant u t-tagħmir, il-prodotti ta' tindif u ta' manteniment, il-proċeduri użati fil-produzzjoni u l-proċessar ta' prodotti u l-immarkar u t-tikketta u l-preżentazzjoni ta' dawk il-prodotti;

(b) Iwettqu verifiki dwar jekk il-ħaddiema humiex isegwu l-ħtiġijiet stabbiliti fit-testi riferiti fi Skeda A;

(ċ) Jieħdu kampjuni minn prodotti miżmuma sabiex jinħażnu jew jinbiegħu, jitqiegħdu fuq is-suq jew trasportati;

(d) Jeżamina l-materjal dokumentat jew tal-kompjuter relevanti mal-verifiki mwettqa barra mill-miżuri meħuda skond ir-regolament 3(1).

Għal dan l-iskop, huma jridu jirċievu mill-istabbilimenti li jkunu qegħdin jiġu verifikati, il-koperazzjoni meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom.

Kummerċ fi prodotti elenkati fi Skeda B

13. Kummerċ fil-prodotti elenkati fi Skeda B għandu, sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli, jkun soġġett għar-regoli ta' kontroll stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari dawk stabbiliti fir-regolament 5 (2).

Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropeja u lill-Istati Membri bil-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-kummerċ tal-prodotti riferiti fl-ewwel sub-paragrafu.

Rekord ta' informazzjoni bażika dwar il-verifiki veterinarji li jitwettqu taħt dawn ir-regolamenti mis-Servizzi Veterinarji

14. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jżomm rekord ta' l-informazzjoni bażika dwar il-verifiki veterinarji li jitwettqu taħt dawn ir-regolamenti u jikkomunika din l-informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri.

(2) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikulari dwar il-frekwenza ta' komunikazzjoni ta' l-informazzjoni, il-formola li biha tingħata u n-natura tagħha, għandhom jitfasslu skond il-proċedura mniżżla taħt ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond kif provdut fl-artikolu 15(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

SKEDA A
LEĠISLAZZJONI VETERINARJA
KAPITOLU I

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam frisk.

(b) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC dwar problemi ta' saħħa li jolqtu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam frisk tat-tajr.

(ċ) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC dwar problemi li jolqtu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-laħam u ċerti prodotti oħra ta' oriġini ta' l-annimali.

(d) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/65/EEC li tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam.

(e) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/437/EEC dwar problemi ta' iġjene u ta' saħħa li jolqtu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-bajd.

(f) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/492/EEC li tistabbilixxi l-kondizzjonjiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' molluski bivalvi ħajjin.

(ġ) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/493/EEC li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tas-sajd.

(ħ) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/495/EEC dwar problemi ta' saħħa pubblika u ta' saħħa ta' l-annimali li jolqtu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam tal-fniek u ta' laħam tal-kaċċa mrobbija.

(i) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC dwar problemi ta' saħħa pubblika u ta' saħħa ta' l-annimali fil-qtil ta' kaċċa selvaġġa u l-bejgħ ta' laħam tal-kaċċa selvaġġa.

(j) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/46/EEC li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' ħalib mhux maħdum, ħalib trattat bis-sħana u prodotti magħmula mill-ħalib.

(k) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/461/EEC dwar problemi ta' saħħa li jolqtu l-kummerċ ta' laħam frisk.

(l) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 80/215/EEC dwar problemi ta' saħħa ta' l-annimali li jolqtu l-kummerċ fi prodotti tal-laħam.

(m) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fit-territorju ta' Malta u ma' Stati Membri u l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tat-tjur minn pajjiżi terzi.

(n) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/437/EEC dwar problemi ta' iġjene u ta' saħħa li jolqtu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-bajd.

(o) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/67/EEC dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-bejgħ ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura.

(p) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/493/EEC li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ħut.

(q) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/492/EEC li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' molluski bivalvi ħajjin.

(r) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/495/EEC dwar problemi ta' saħħa pubblika u ta' saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam tal-fniek u laħam tal-kaċċa mrobbija.

(s) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC dwar problemi ta' saħħa pubblika u ta' saħħa ta' l-annimali fil-qtil ta' annimali tal-kaċċa selvaġġa u l-bejgħ ta' annimali tal-kaċċa selvaġġa.

(t) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/46/EEC li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' ħalib mhux maħdum, ħalib trattat bis-sħana u prodotti magħmula mill-ħalib.

KAPITOLU II

(u) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC li tistabbilixxi l-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali u ta' saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ ma' Stati Membri u l-importazzjoni fit-territorju ta' Malta ta' prodotti ta' oriġini ta' l-annimali li mhumiex soġġetti għall-imsemmija ħtiġiet stabbiliti f'regoli speċifiċi oħra ta' saħħa ta' l-annimali u ta' saħħa pubblika.

SKEDA B

PRODOTTI LI MHUMIEX SOĠĠETTI GĦAL *STANDARDS* TA' SAĦĦA PUBBLIKA PROVDUTI FIL-LEĠISLAZZJONI ELENKATA FI SKEDA A, IŻDA LI L-KUMMERĊ TAGĦHOM GĦANDU JKUN SOĠĠETT GĦALL-VERIFIKI PROVDUTI B'DAWN IR-REGOLAMENTI

Prodotti oħra ta' oriġini ta' l-annimali li mhumiex inklużi la fi Skeda B ta' dawn ir-regolamenti u lanqas fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC - dawn il-prodotti għandhom ikunu definiti skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.